IL-BAMBINI TAL-MILIED

Fi zmien il-Milied naraw hafna Bambini wara t-twieqi mdawwra bil-gulbiena u mzejna bi dwal sbieh. Bambini ohrajn insibuhom armati u mzejna b'mod aktar eleganti u b'xi mindaqqiet bi stili originali ghal ahhar fil-knejjes u l-kappelli taghna, ghall-qima ta' l-insara sabiex jidhlu aktar fil-qalba tal-misteru tat-twelid ta' Gesu'. Nsibu wkoll Bambini gewwa d-djar taht xi sigra tal-Milied biex jorjentaw lil membri ta' dik il-familja ghall-ferh tal-festi.



Dawn il-Bambini huma maghmulha minn diversi materjal. Naraw xi uhud li huma mahduma mill-gibs, ohrajn mill-kartapesta u ohrajn mix-xema. Dawn ta' l-ahhar ghadhom valur akbar u generalment insibuhom maghluqa go bozza mimlija fjuri tal-ganutell. Hemm ohrajn li insibuhom li huma ta' Lecce jew ta' Spanja.

Izda meta jasal tmiem il-festi dawn il-Bambin isibu ruhhom mill-gdid maqfula fid-dlam ta' xi armarju jew gradenza ghas-sena ta' wara. Mhux hekk jigri minn Bambin partikulari, imssemmi mad-dinja kollha... IL-BAMBIN TA' PRAGA.

Dan ikun dejjem espost fil-knisja imwaqqfa ghalih sabiex l-insara juru devozzjoni u mhabba lejh.

Ghalkemm mizmum b'ghozza kbira fis-santwarju maghruf bhala s-Santwarju tal-Bambin ta' Praga fir-Republika Ceka, l-istatwa hija ta' origini spanjola u kienet moghtija bhala rigal taz-zwieg lill-principessa spanjola minn ommha. Marija Manriques de Lara gabitha maghha fi Praga meta din izzewwget lil Vratislav ta' Pernstyn, nobbli Cek, fis-sena 1556.

L-istatwa mill-gdid kienet rigal ta' tieg meta Marija tatha lil bintha Polyxena li zzewget lil Zdenek ta' Lobkovice. Meta romlot fis-sena 1628 iddecidiet li toffri l-istatwa bhala donazzjoni lil Karmelitani ta' Praga li kienu jiehdu hsieb il-knisja tal-Vitorja. Qabel tatilhom qaltilhom hekk: "Jiena qed noffrilkom l-ghezez haga li ghandi fid-dinja. Sakemm tkunu devoti ta' din ix-xbiha, intom ma jkun jonqoskom xejn." Dan kien donnu kliem profetiku ghaliex meta twaqqfu devozzjonijiet lejn din ix-xbiha, il-komunita' ghelbet it-tfixkil li kienet thabbat wiccha mieghu u gawdiet prosperita'.

Cirillu ta' Omm Alla (1590 - 1675), wiehed minn novizzi, kellu ghal qalbu hafna din ix-xbiha li bid-devozzjoni lejn il-Bambin Gesu' irnexxilu jelgheb it-tentazzjonijiet li bihom kien mahkum. Li kieku ma kienx ghal dan il-bniedem qaddis, l-istorja ta' din l-istatwa kienet tghib.

Malli beda l-inkwiet li wassal ghal gwerra ta' tletin sena, in-novizzjat tnehha mill-Boemja (ic-Ceka tal-lum) u haduh fil-Germanja fis-sena 1630. Bin-nuqqas tan-novizzi u Fra Cirillu, id-devozzjonijiet u talb quddiem l-istatwa tal- Bambin Gesu' mietu ghal kollox. Il-bzonn u l-imkwiet regghu qajmu rashom. Eventwalment l-armata tar-re Gustavus Adolfus ta' l-Isvezja wara li invadiet ir-Republika Ceka dahlet fil-knejjes u serqet kull ma kien jghodd ghaliha. Il-kunvent Karmelitan messu l-istess xorti u x-xbiha ta' Gesu' Bambin irmewha ma' hwejjeg ohra ta' bla ebda valur wara l-artal maggur. Ghal seba' snin shah ix-xbiha ta' Gesu' Bambin intnesiet. Fil-festa tal-Pentecoste tas-sena 1637, Patri Cirillu, issa ordnat sacerdot, irritorna lejn Praga

Il-kommunita' Karmelitana kienet ghadha ghaddejja minn ghawc wara iehor sakemm Patri Cirillu ftakar fil-prosperita' u paci li gawdew meta kienu fis-sehh id-devozzjonijiet lejn ix-xbiha tal-Bambin Gesu'. Huwa fittex l-istatwa sakemm sabha qalb l-iskart li hallew warajhom dawk li serqu il-kunvent. Maghmulha mill-injam u x-xema, ix-xbiha ftit garrbet hsara hlief li l-pali ta' l-idejn kienu nieqsa. Patri Cirillu pogga l-istatwa fuq l-artal fl-oratorju u rega' ta' bidu ghad-devozzjonijiet li qabel kienu jinghadu quddiem il-Bambin. Jum wiehed meta kien qed jitlob quddiem ix-xbiha, sema' dawn il-kelmiet: " Ikollok hniena minni u jiena ikolli hniena minnek. Aghtini lura idejja u jiena ntik il-paci. Aktar ma tonorani aktar jiena nixhet il-barka tieghi fuqek."

Meta l-flus li ngabru ghat-tiswija ta' l-istatwa intefqu fuq wahda gdida l-Bambin Gesu' wera' d-dizappunt tieghu b'cirkustanza li sehhet meta kandlier waqa' fuq l-ix-xbiha l-gdida u din saret frak. Ghal darb'ohra l-istatwa originali saret l-oggett ta' qima mill-fidili, imma meta l-fondi ghat-tiswija tax-xbiha kienu baxxi, Patri Cirillu sema' vuci li tghidlu: " Qieghdni fid-dhul tas-sagristija u inti tircieva l-ghajnuna mehtiega." Meta ghamel dan is-somma mehtiega biex tissewwa l-istatwa ingabret minnufih.

Il-htigijiet tal-kommunita' qatt ma naqsu bit-tixrid tad-devozzjoni lejn din ix-xbiha. Saret uzanza tradizzjonali li matul is-sena liturgika l-istatwa tigi mlibbsa hafna drabi bil-kulur tz-zmien liturgiku. L-isbah libsa fil-kollezzjoni hija l-kappa li titpogga fuq ix-xbiha fl-ewwel Hadd fuq l-Ghid, li jahbat l-anniversarju ta' l-inkurunazzjoni ta' l-istatwa fis-sena 1655 mill-Isqof ta' Praga. Matul iz-zmien tal-Milied l-istatwa titlibbes b'libsa ta' kulur ahdar skur, imzejna b'bizzila tad-deheb.

Dan kien rigal ta' l-imperatrici Marija Tereza fl-okazzjoni ta' l-inkurunazzjoni taghha bhala regina tal-Boemja fis-sena 1743. Il-gwardarobba tal-Bambin Gesu' fiha aktar minn 50 libsa. Hafna minnhom huma ornamenti tad-deheb u ktajjen moghtija minn devoti ghal bosta grazzji li jkunu qalghu.

It-tfajjel Gesu' jidher inkurunat u imlibbes ilbies rikk hafna b'id wahda mghollija b'sinjal ta' barka u l-ohra izzomm sfera li tirrapresenta d-dinja.